

INFORMAZZJONI SENSITTIVA TAĦT EMBARGO: IN-NETWORK TAL-UE DWAR IL-FRODI ALIMENTARI UŻU RISTRETT

MISTOQSIJET U TWEĠIBIET

Mistoqsijiet u tweġibiet dwar l-adulterazzjoni tal-Għasel.

X'inh i azzjoni koordinata tal-UE?	2
L-għasel bħalissa huwa regolat fl-UE?	2
X'inhuma r-regoli għall-kontenut taz-zokkor fl-għasel?	2
Għaliex intgħażel l-għasel għal azzjoni koordinata tal-UE?	2
X'inhuma l-aktar Prattiki frodulent i komuni dwar l-għasel?.....	3
X'inhuma l-ixprunaturi tal-frodi għall-għasel?	3
X'inhuma l-konsegwenzi diretti u indiretti tal-adulterazzjoni tal-għasel biż-zokkor?	3
L-għalf tan-naħal bil-għulepp taz-zokkor jikkawża l-adulterazzjoni tal-għasel?	4
X'kienu l-oġettivi tal-azzjoni koordinata tal-UE "Mid-Doqqajs"?	4
Min kienu l-atturi u x'kienu r-rwoli tagħhom fl-azzjoni koordinata tal-UE "Mid-Doqqajs"?	4
X'kienet il-metodoloġija tal-kampjunar għall-pjan ta' kontroll?.....	5
Liema metodi analitiċi u mekkaniżmi ta' deċiżjoni ġew applikati biex jiġu identifikati kampjuni suspettużi tal-għasel?.....	5
X'juru r-riżultati mill-fażi tal-kampjunar?.....	6
Ir-riżultati mill-azzjoni koordinata tal-UE huma rappreżentattivi tas-suq tal-UE għall-għasel?	6
X'inhuma l-konklużjonijiet ewlenin tal-fażi tal-kampjunar?	6
X'juru r-riżultati mill-fażi tal-investigazzjoni?.....	7
X'inhuma l-konklużjonijiet ewlenin tal-fażi ta' investigazzjoni?	7
Kif jitwettqu l-investigazzjonijiet tal-OLAF?	7
X'inh i l-qafas legali li jirregola l-intervent tal-OLAF fl-Azzjoni Koordinata tal-UE?	8
L-OLAF kif jiġbor evidenza diġitali?	8
X'kienu r-riżultati tal-investigazzjoni tal-OLAF?	8
Il-Kummissjoni kif se taġixxi biex tiżgura li l-għasel ma jiġix adulterat miz-zokkor?.....	9
Il-Kummissjoni kif se timpenja ruħha mal-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi?	9

X'inh i azzjoni koordinata tal-UE?

Is-servizzi tal-Kummissjoni - fuq talba ta' pajjiż wieħed jew aktar tal-UE jew fuq inizjattiva tagħha stess - jistgħu jikkoordinaw attivitajiet fil-livell tal-UE. Dan iseħħ meta l-operaturi f'diversi Stati Membri jkunu involuti fi skema frodulentu possibbli u meta s-suspett jippreżenta riskju għas-saħħa jew riskju soċjoekonomiku sinifikanti. Il-kriterji tad-deċiżjoni għal tali koordinazzjoni fil-livell tal-UE jqisu s-serjetà ta' dawk ir-riskji, l-affidabbiltà tal-informazzjoni disponibbli u s-similarità tagħha ma' okkorrenzi preċedenti. Meta s-suspett ikun relatat ma' prodotti importati, il-Kummissjoni tikkomunika mal-pajjiżi kkonċernati mhux tal-UE u titlob informazzjoni u investigazzjonijiet immirati.

L-għasel bħalissa huwa regolat fl-UE?

L-għasel huwa prodott naturali li ilu meqjus bħala siewi minħabba l-proprietajiet ta' żieda fil-ħlewwa tiegħu minn żminijiet antiki. Il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha l-għan li tippreserva l-purità tal-għasel bħala prodott agrikolu mhux ipproċessat, minbarra modifiki fil-kompożizzjoni kimika tiegħu.

Il-punt 1 tal-Anness 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE, jiddefinixxih bħala: *“s-sustanza naturali ħelwa magħmula min-naħal Apis mellifera min-nektar tal-pjanti jew minn tnixxijiet ta' partijiet ħajja ta' pjanti jew eskrezzjonijiet ta' insetti li jerdgħu mill-pjanti fuq il-partijiet ħajja tal-pjanti, li n-naħal jiġbru, jittrasformaw billi jikkombinaw ma' sustanzi speċifiċi tagħhom stess, jiddeposittaw, jiddeidraw, jaħżnu u jħallu fix-xehdi tal-għasel sabiex isiru u jimmaturaw”*.

Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll il-kriterji ta' kompożizzjoni (għall-konsum mill-bniedem) u r-rekwiżiti ta' tikkettar assoċjati. Dawn ir-rekwiżiti jridu jiġu ssodisfati qabel ma l-għasel ikun jista' jitqiegħed fis-suq fl-UE.

X'inhuma r-regoli għall-kontenut taz-zokkor fl-għasel?

Iz-zokkor naturali huwa wieħed mill-kostitwenti ewlenin tal-għasel u jista' jkun preżenti f'ammonti li jvarjaw skont is-sors botaniku. Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/110/KE li tirrigwarda l-għasel tistabbilixxi żewġ rekwiżiti għall-kontenut taz-zokkor:

1. l-għadd ta' fruttożju u glukożju ma għandux ikun anqas minn 60 g/100 g għall-għasel tan-nwar, u mhux anqas minn 45 g/100 g għall-għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar u t-taħlitiet relatati;
2. il-kontenut ta' sukrożju ma għandux jaqbeż il-5 g/100 g. Madankollu ġew stabbiliti limiti oġhla għal diversi sorsi botaniċi speċifiċi bħall-honeysuckle Franċiża, l-eucalyptus u l-lavender.

Għaliex intgħażel l-għasel għal azzjoni koordinata tal-UE?

L-organizzazzjonijiet tal-produtturi kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur qajmu ripetutament tħassib dwar l-adulterazzjoni possibbli tal-għasel. Dan it-tħassib kien ikkorroborat mir-riżultati tal-ewwel Pjan ta' Kontroll Koordinat organizzat fl-2015-17 li wera li tal-anqas 14 % tal-kampjuni vverifikati ma kinux jikkonformaw mal-parametri referenzjarji ta'

purità (link: https://food.ec.europa.eu/safety/agri-food-fraud/eu-coordinated-actions/coordinated-control-plans/honey-2015-17_en) u mill-għadd ta' notifiċi fin-Network ta' Twissija u ta' Kooperazzjoni, network li jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni amministrattiva u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-kontrolli uffiċjali fil-katina agroalimentari (link: https://food.ec.europa.eu/safety/agri-food-fraud/administrative-assistance-and-cooperation-system_mt).

X'inhuma l-aktar Prattiki frodulenti komuni dwar l-għasel?

L-għasel huwa s-sustanza naturali prodotta min-naħal tal-għasel. Ma għandu jkollu l-ebda ingredjent miżjud miegħu (eż. zokkor, addittivi tal-ikel, aromatizzanti, eċċ.).

L-għasel jista' jiġi adulterat b'diversi sustanzi bħaz-zokkor jew l-ilma, iżda z-zokkor huwa l-aktar adulterant komuni. Il-ġulepp taz-zokkor mhux għali jintuża biex iżid il-volum tal-għasel u l-identifikazzjoni effettiva tiegħu tibqa' kwistjoni kumplessa anki b'metodi ta' analiżi sofistikati. Id-dikjarazzjoni tas-sors botaniku jew ta' attributi oħra hija wkoll soġġetta għal Prattiki frodulenti maħsuba biex jimmodifikaw il-perċezzjoni tal-konsumatur tal-kwalità u tal-valur tal-għasel. L-għasel prodott f'ċerta żona ġeografika u li jirrispetta l-metodi ta' produzzjoni definiti jista' jinbiegħ bħala prodott ta' kwalità li jkollu karatteristika speċjali (DOP, Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta jew IĠP, Indikazzjoni Ġeografika Protetta). Peress li l-għasel ta' DOP/IĠP iġib prezz oġġla, dawn huma miri attraenti biex tiġi ddikjarata b'mod ħażin l-oriġini tal-għasel ordinarju sabiex jiżiedu l-profitti. Id-dikjarazzjoni tal-oriġini ġeografika tista' tiġi ffalsifikata wkoll biex jiġu evitati r-regoli tat-tariffi. Iseħħu wkoll Prattiki frodulenti oħra relatati mal-kompożizzjoni jew mat-tikkettar, pereżempju l-isem "għasel" jista' jingħata illegalment lil prodott li jikkonsisti parzjalment jew totalment minn prodott ta' kwalità aktar baxxa bħal "għasel għal użu industrijali".

X'inhuma l-ixprunaturi tal-frodi għall-għasel?

Il-mewġa tad-domanda tal-konsumaturi għal aromatizzanti naturali twassal għal suq fejn il-prezzijiet globali tal-għasel jinsabu fl-oġġla livelli tagħhom f'dawn l-aħħar snin. FI-UE, id-domanda tas-suq għall-għasel hija oġġla mill-produzzjoni domestika u jiġi importat ammont sostanzjali ta' għasel. Il-prezz tas-suq tiegħu jvarja b'mod sinifikanti skont aspetti ta' kwalità li mhux dejjem ikunu viżibbli jew ikunu jistgħu jitkejlu mingħajr analiżi bir-reqqa; dan jipprovdi opportunitajiet għal Prattiki qarrieqa maħsuba biex iżidu bla bżonn il-qligħ ekonomiku jew finanzjarju. Id-differenza fil-prezz bejn għasel u ġulepp taz-zokkor awtentiċi u d-diffikultà li tiġi identifikata l-estensjoni tal-għasel bil-ġulepp jipprovdu opportunitajiet ta' frodi attraenti għall-operaturi kummerċjali diżonesti.

X'inhuma l-konsegwenzi diretti u indiretti tal-adulterazzjoni tal-għasel biż-zokkor?

Filwaqt li r-riskju għas-saħħa tal-konsumaturi jitqies baxx ħafna (abbażi tas-suppożizzjoni li l-ġulepp taz-zokkor miżjud huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem), l-adulterazzjoni tal-għasel biż-zokkor hija ta' detriment għall-fiduċja tal-konsumaturi fil-katina alimentari tal-UE u sfida għall-operaturi u għar-reputazzjoni tal-għasel.

Il-valur medju tal-unità tal-UE għall-għasel importat kien ta' EUR 2.17 għal kull kilogramma (minbarra l-għasel minn New Zealand) fl-2021 filwaqt li l-ġulepp taz-zokkor magħmul mir-ross huwa disponibbli bi prezz ta' madwar EUR 0.40 – EUR 0.60 għal kull kilogramma. Id-dilwizzjoni tal-għasel bil-ġulepp taz-zokkor tipprovdi vantaġġ inġust għall-frodaturi. Meta jiffaċċjaw alternattivi orħos bħal dawn u kompetizzjoni potenzjalment inġusta mill-kompetituri tagħhom, daww li jrabbu n-naħal b'mod professjonali fl-UE jistgħu jiġu skoraġġuti milli jkomplu jwettqu l-attivitajiet tagħhom tat-trobbija tan-naħal, li mbagħad dan iħalli impatt negattiv fuq l-ammonti ta' għasel prodott fl-UE.

L-għalf tan-naħal bil-ġulepp taz-zokkor jikkawża l-adulterazzjoni tal-għasel?

L-għalf tan-naħal bil-ġulepp taz-zokkor jista' jkun meħtieġ f'ċerti perjodi tas-sena. Dan spiss jikkoinċidi mal-ħsad tal-għasel minn doqqajs, sabiex jiġi żgurat li n-naħal ikollhom biżżejjed ikel biex jipprevjenu l-ġuħ matul ix-xitwa. Huwa importanti li l-għalf tan-naħal li jifdal fix-xehdiet jiġi sseparat mill-għasel li jmiss li jiġi maħsud għall-kummerċjalizzazzjoni, inkella l-għalf tan-naħal jikkontamina l-għasel u l-prodott estratt ma jkunx konformi mad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasel.

Madankollu, l-għalf tan-naħal bil-ġulepp taz-zokkor matul il-perjodu ewlieni tal-fluss tan-nektar ikun f'kunflitt mad-definizzjoni legali tal-għasel. Skont din id-definizzjoni, l-għasel irid jiġi prodott jew min-nektar tal-pjanti ("għasel tan-nwar" jew "għasel tan-nektar") jew minn sekrezzjonijiet ta' partijiet ħajjin ta' pjanti jew eskrezzjonijiet ta' insetti li jerdgħu mill-pjanti fuq il-partijiet ħajjin tal-pjanti ("għasel mill-qtar tal-għasel tas-siġar").

X'kienu l-objettivi tal-azzjoni koordinata tal-UE "Mid-Doqqajs"?

L-azzjoni kellha l-għan li tiġbor intelligence dwar l-inċidenza ta' għasel mhux konformi importat fl-Unjoni permezz ta' kampjunar u analiżi. L-analiżijiet iffukaw biss fuq l-identifikazzjoni ta' għasel issuspettat li fih ġulepp taz-zokkor miżjud. L-azzjoni koordinata saret fi tliet fażijiet:

- il-ġbir ta' kampjuni tal-għasel fil-fruntieri tal-UE,
- il-ġbir mill-ġdid tal-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà; u
- l-investigazzjonijiet fl-UE fil-post tal-importazzjoni, tal-ipproċessar, tat-taħlit, u tal-ippakkjar.

Min kienu l-atturi u x'kienu r-rwoli tagħhom fl-azzjoni koordinata tal-UE "Mid-Doqqajs"?

Id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea beda u kkoordinata l-azzjoni.

Sittax-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, Spanja, L-Iżvezja), in-Norveġja u l-Iżvizzera vvolontarjaw għall-fażi ta' kampjunar inizjali. Kellhom ukoll jistabbilixxu l-post tad-destinazzjoni tal-kunsinni kkontrollati qabel ma qiesu aktar investigazzjonijiet. Aktar investigazzjonijiet kienu jikkonċernaw lill-Istati Membri kollha u

lill-Istati tal-EFTA¹ tad-destinazzjoni li rċevew kunsinni suspettużi. Dawn l-investigazzjonijiet saru fil-postijiet tal-importazzjoni, tal-ipproċessar, tat-taħlit, u tal-ippakkjar.

L-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-Istati tal-EFTA rċevew:

- assistenza analitika miċ-Ċentru ta' Għarfien dwar il-Frodi u l-Kwalità Alimentari, operat mill-JRC (link: https://knowledge4policy.ec.europa.eu/food-fraud-quality_en);
- appoġġ ta' intelligence mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari tal-Kummissjoni Ewropea għall-ġbir mill-ġdid tal-informazzjoni kemm mill-esportaturi kif ukoll mill-importaturi (operazzjonijiet ta' importazzjoni fil-passat irreġistrati fi ħdan is-sistema TRACES², nuqqasijiet ta' konformità u suspetti ta' frodi alimentari diġà rreġistrati fi ħdan in-Network ta' Twissija u ta' Kooperazzjoni); u
- appoġġ ta' intelligence u investigattiv mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) meta jintalab (link: https://anti-fraud.ec.europa.eu/index_mt).

X'kienet il-metodoloġija tal-kampjunar għall-pjan ta' kontroll?

L-Istati Membri u l-awtoritajiet tal-Istati tal-EFTA kkampjunaw l-għasel f'postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera (BCPs) bejn Novembru 2021 u Frar 2022. F'każ li kunsinna ta' għasel ippreżentata għall-kontrolli tal-importazzjoni kienet tikkonsisti f'aktar minn lott ta' produzzjoni wieħed, lott wieħed biss kien soġġett għal kampjunar. Kellhom jittieħdu diversi alikwoti minn lott biex jiġi fformat kampjun aggregat, li kellu jintbagħat lill-JRC għall-analiżi.

Ittieħdu total ta' 320 kampjun u l-maġġoranza tagħhom oriġinaw miċ-Ċina (89), mill-Ukrajna (74), mill-Arġentina (34), mill-Messiku (22), mill-Brażil (18) u mit-Turkija (15). Il-biċċa l-kbira tagħhom ġew iddikjarati bħala għasel "poliflorali" (77 %) jew għasel "monoflorali" (11 %); il-bqija kienu ta' oriġini botanika mhux magħrufa.

Liema metodi analitiċi u mekkaniżmi ta' deċiżjoni ġew applikati biex jiġu identifikati kampjuni suspettużi tal-għasel?

Peress li z-zokkor huwa l-kostitwent ewlieni tal-għasel, jista' jkun diffiċli li jiġi ddeterminat il-livell ta' kwalunkwe adulterazzjoni b'zokkor addizzjonali. Huwa wkoll partikolarment diffiċli li ssir distinzjoni bejn iz-zokkor li jseħħ b'mod naturali minn dak miżjud peress li l-prodott adulterat jista' juri karatteristiċi fiżiċi u kimiċi simili ħafna.

Il-JRC uża diversi metodi flimkien biex jidentifika għasel li jkun hemm suspett li fih il-ġulepp taz-zokkor miżjud. Il-metodi użati huma l-aktar sofistykati disponibbli bħalissa. Is-sistema tal-kwalità tal-JRC hija ċċertifikata skont l-istandard ISO 9001 u ċċerti attivitajiet ta' ttestjar tal-JRC Geel huma akkreditati skont l-istandard ISO 17025:2017. Madankollu, il-metodi ta' analiżi użati għall-ġenerazzjoni tad-*data* rrapportata huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-

¹ EFTA - l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (jiġifieri l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera).

² TRACES – is-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti veterinarji (https://food.ec.europa.eu/animals/traces_mt#about-traces).

akkreditazzjoni. Dan il-fatt kellu jiġi kkunsidrat meta nbdiet azzjoni regolatorja mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

X'juru r-riżultati mill-fażi tal-kampjunar?

Mit-320 kampjun riċevuti, 147 (46 %) ġew suspettati li ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasel 2001/110/KE minħabba li ġie identifikat tal-anqas markatur wieħed ta' sorsi estranji taz-zokkor. It-tekniki użati pprovdew informazzjoni kwalitattiva (preżenza/nuqqas ta' markaturi) u, għalhekk, ma kienx possibbli li jiġi stmat il-livell ta' żidiet tal-ġulepp fl-għasel.

L-ogħla għadd assolut ta' kunsinni suspettużi oriġinaw miċ-Ċina (66 minn 89, 74 %), għalkemm l-għasel li joriġina mit-Turkija (14 minn 15, 93 %) kellu l-ogħla proporzjon relattiv ta' kampjuni suspettużi. L-għasel importat mir-Renju Unit kellu rata ta' suspett saħansitra ogħla (10 minn 10, 100 %). Madankollu, l-informazzjoni disponibbli dwar it-traċċabbiltà tissuġġerixxi li dan jista' jkun ir-riżultat ta' għasel prodott f'pajjiżi oħra u pproċessat aktar fir-Renju Unit qabel l-esportazzjoni mill-ġdid tiegħu lejn l-UE.

Ir-riżultati mill-azzjoni koordinata tal-UE huma rappreżentattivi tas-suq tal-UE għall-għasel?

Ir-riżultati qatt ma kienu mistennija li jipprovdu rappreżentazzjoni tas-suq tal-UE għall-għasel iżda li jipprovdu idea tal-livell u tan-natura tal-adulterazzjoni tal-għasel importat bil-ġulepp taz-zokkor. Il-kampjuni ttieħdu b'mod aleatorju. Il-frekwenza tal-kampjunar matul l-operazzjoni laħqet 15 % tal-kunsinni ppreżentati għall-kontrolli tal-importazzjoni matul il-kampanja tal-kampjunar u għalhekk offriet ċerta rappreżentazzjoni tal-flussi kummerċjali.

Għalkemm ġie ttestjat ċertu għadd ta' kunsinni tal-għasel importati fis-suq intern, ir-riżultati miksuba jirrappreżentaw is-sitwazzjoni matul il-perjodu tal-kampjunar u ma għandhomx jiġu ġeneralizzati jew estrapolati għal sitwazzjonijiet oħra.

B'kollox, ġew ikkontrollati 123 esportatur, li minnhom 70 ġew indikati bħala li esportaw kunsinni tal-għasel b'suspett ta' adulterazzjoni b'zokkor estranju. Mill-95 importatur li kienu soġġetti għal kampjunar, żewġ terzi minnhom (63 importatur) kienu kkonċernati b'tal-anqas l-importazzjoni ta' kunsinna waħda tal-għasel b'suspett ta' adulterazzjoni biz-zokkor.

X'inhuma l-konklużjonijiet ewlenin tal-fażi tal-kampjunar?

L-azzjoni koordinata tal-UE kkonfermat is-suspożizzjoni li parti mill-għasel importat fis-suq intern hija ssuspettata li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasel 2001/110/KE. Kien hemm suspett li 46 % tal-kampjuni analizzati ma kinux konformi. Ir-rata ta' suspett kienet konsiderevolment ogħla mill-pjan ta' kontroll koordinat preċedenti għall-UE kollha mwettaq fl-2015-17, fejn 14 % tal-kampjuni analizzati ma kinux konformi mal-kriterji ta' referenza stabbiliti biex tiġi vvalutata l-awtentività tal-għasel.

Madankollu, f'dan l-istudju ntuża sett differenti ta' metodi b'kapaċità ta' identifikazzjoni mtejbja, li jista' jispjega din id-differenza. Analiżi tal-proporzjon stabbli tal-isotopu tal-karbonju minn EA-IRMS (metodu tal-AOAC 991.41), metodu li ta' spiss intuża fil-passat biex jiġi identifikat il-

ġulepp taz-zokkor magħmul mil-lamtu tal-qamħirrum jew mill-kannamieli, ma kinitx effettiva biex jiġi identifikat għasel issuspettat li ġie adulterat. Dan jista' jindika li l-ġulepp taz-zokkor magħmul mil-lamtu tal-qamħirrum jew mill-kannamieli ma għadux jintuża biex jestendi l-għasel u li dan ġie sostitwit totalment jew parzjalment minn ġulepp magħmul mir-ross, mill-qamħ jew mill-pitravi taz-zokkor, pereżempju.

Għadhom meħtieġa metodi analitiċi mtejba, armonizzati u rikonoxxuti fuq livell internazzjonali biex tiżdied il-kapaċità tal-laboratorji ta' kontroll uffiċjali li jidentifikaw l-għasel adulterat b'ġulepp taz-zokkor magħmul apposta li jimita fil-biċċa l-kbira l-profil karatteristiku taz-zokkor ta' għasel ġenwin.

X'juru r-riżultati mill-fażi tal-investigazzjoni?

Sal-lum l-investigazzjonijiet kienu jikkonċernaw sebġha u tletin operatur, li madwar sebġha minnhom ġew finalment sanzjonati (sal-lum) fir-rigward tal-adulterazzjoni tal-għasel b'zokkor estranju.

Intelligence oħra miġbura matul l-azzjoni koordinata tal-UE – u li bħalissa qiegħda tiġi investigata – tikkonċerna l-użu u t-taħlit tal-għasel u l-ġulepp taz-zokkor fit-territorju tal-UE nnifisha, it-tneħħija tat-trab tad-dakra (markatur tal-orijini) jew il-falsifikazzjoni ta' dokumenti li jakkumpanjaw l-għasel biex jaħbu l-orijini vera tiegħu.

X'inhuma l-konklużjonijiet ewlenin tal-fażi ta' investigazzjoni?

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-Istati Membri investigaw bl-użu ta' tekniki uffiċjali tal-laboratorju għad-dispożizzjoni tagħhom; dawk it-tekniki huma primarjament maħsuba għall-kontroll tad-dispożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar l-Għasel u huma magħrufa li huma inqas effettivi biex jidentifikaw u jagħtu prova tal-adulterazzjoni sofistikata tal-għasel jekk jintużaw waħedhom. Fl-istess ħin, l-“investigazzjonijiet forensiċi” (jiġifieri l-ikkombinar ta' spezzjoni fuq il-post, il-kampjunar u l-eżami mill-qrib tad-dokumenti, il-kompjuters u r-rekords tat-telefown) urew li huma utli biex jiġu skoperti l-frodaturi.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jista' jiġi konkluż li parti mill-għasel importat minn pajjiżi mhux tal-UE u misjub mill-JRC bħala ssuspettat li ġie adulterat tibqa' preżenti u mhux identifikata fis-suk tal-UE.

Kif jitwettqu l-investigazzjonijiet tal-OLAF?

L-informazzjoni kollha ta' interess investigattiv potenzjali li tasal tiġi analizzata minn unità ddedikata fl-OLAF, biex jiġi ddeterminat jekk din tiġi ġustifikax il-ftuħ ta' investigazzjoni jew każ ta' koordinazzjoni.

Jekk isir każ, l-investigaturi tal-OLAF jeżaminaw l-allegazzjonijiet u jiġbru l-evidenza li sservi biex jiġu stabbiliti l-fatti u jiġi prodott rapport finali dettaljat. Għal dan il-għan, huma jiġbru u janalizzaw l-evidenza dokumentarja kollha u d-data kollha disponibbli għalihom, u jinterrogaw xhieda u persuni suspettati potenzjali. Jistgħu jitwettqu wkoll kontrolli fuq il-post.

L-OLAF iwettaq investigazzjonijiet amministrattivi. Ir-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet jintbagħtu lill-awtoritajiet kompetenti. Investigazzjoni tal-OLAF tista' twassal għal proċedimenti amministrattivi, finanzjarji, dixxiplinari jew ġudizzjarji. L-OLAF iwettaq id-dmirijiet tiegħu b'integrità, b'imparzjalità u bi professjonaliżmu, filwaqt li jirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi.

X'inhum l-qafas legali li jirregola l-intervent tal-OLAF fl-Azzjoni Koordinata tal-UE?

L-investigazzjoni tal-OLAF nfetħet abbażi tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 (ir-“Regolament tal-OLAF”).

Il-verifika fuq il-post u l-kisba forensika diġitali ġew awtorizzati matul investigazzjoni miftuħa skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u mwettqa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, f'konformità mal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, u mal-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, skont delega tas-setgħat mid-Direttur Ġenerali tal-OLAF skont l-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

L-OLAF kif jiġbor evidenza diġitali?

L-ispeċjalisti tal-evidenza diġitali tal-OLAF jipprovdu lill-investigaturi tal-OLAF b'appoġġ prattiku għall-forensika diġitali (identifikazzjoni, ksib, immaġni, ġbir, analiżi u preservazzjoni tal-evidenza diġitali). Aktar informazzjoni tinsab fil-[fuljett forensiku diġitali](https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/2a0a34af-1c33-4103-80c4-801612c3ae90_en?filename=digital_forensic_leaflet_en.pdf) (https://anti-fraud.ec.europa.eu/document/download/2a0a34af-1c33-4103-80c4-801612c3ae90_en?filename=digital_forensic_leaflet_en.pdf).

X'kienu r-riżultati tal-investigazzjoni tal-OLAF?

L-OLAF fetaħ każ ta' koordinazzjoni biex jipprovdi appoġġ u intelligence investigattivi. L-OLAF ħadem mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti u mal-pajjiżi tal-EFTA, mad-DĠ SANTE tal-Kummissjoni Ewropea u mal-JRC. Ir-riżultati tal-investigazzjonijiet forensiċi, abbażi tal-ispezzjoni fuq il-post, tal-kampjunar u tal-eżami mill-qrib tal-kompjuters u tar-rekords tat-telefown, urew kollużjoni bejn l-esportatur u l-importatur dwar:

- l-użu ta' ġulepp taz-zokkor għall-adulterazzjoni tal-għasel u biex jitnaqqas il-prezz tiegħu;
- l-analiżijiet regolari f'laboratorji akkreditati biex it-taħlitiet tal-għasel/zokkor jiġu adattati sabiex tiġi evitata l-identifikazzjoni possibbli mill-klijenti u mill-awtoritajiet uffiċjali qabel l-operazzjonijiet ta' importazzjoni;
- l-użu ta' addittivi u ta' sustanzi kuluranti biex jiġi adulterat is-sors botaniku veru tal-għasel;
- il-ħabi tal-orijini ġeografika vera tal-għasel permezz tal-falsifikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà.

Il-Kummissjoni kif se taġixxi biex tiżgura li l-għasel ma jiġix adulterat miz-zokkor?

Ir-responsabbiltà primarja għall-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni agroalimentari relatata tal-UE hija tal-operaturi tan-negozju tal-ikel. L-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi alimentari huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri. L-operaturi tan-negozju tal-ikel (inklużi l-importaturi) li joperaw fis-settur tal-għasel fl-istadji kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni jridu:

- (a) jiżguraw li l-ikel imqiegħed fis-suq tal-UE jissodisfa r-rekwiżiti tal-Liġi tal-UE u dik nazzjonali dwar l-Ikel, li huma rilevanti għall-attivitajiet taġġhom u jiżguraw li l-għasel li qed jinnegozjaw jikkonforma mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE;
- (b) jivverifikaw li dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfati (responsabbiltà primarja) u
- (c) jidentifikaw b'mod korrett in-natura, il-kompożizzjoni, il-pajjiż tal-orġini jew il-post ta' provenjenza tal-għasel li qed iqiegħdu fis-suq tal-UE jew li qed jesportaw barra mill-UE.

Ir-riżultati tal-azzjoni koordinata juru li xi operaturi tan-negozju tal-ikel mhumiex qed jikkonformaw mar-responsabbiltà primarja taġġhom u b'hekk qed jipperikolaw il-fiduċja tal-konsumatur, jimminaw il-ktajjen tal-valur tal-ikel, joħolqu kompetizzjoni inġusta għall-produtturi u għall-operaturi tal-UE u jipperikolaw il-kredibbiltà tas-sistemi ta' kontroll tal-ikel. Il-Kummissjoni tistieden lill-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE u japplikaw għal azzjonijiet korrettivi biex jindirizzaw ir-riżultati ħżiena osservati li huma ta' detriment għar-reputazzjoni tas-settur tal-għasel.

L-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi alimentari huma r-responsabbiltà tal-Istati Membri, b'mod partikolari skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali. Dan jipprovdi sett komprensiv ta' għodod biex tiġi indirizzata l-frodi, inklużi dispożizzjonijiet għall-kooperazzjoni fil-każ ta' ksur li jinfirx tul il-fruntieri u jagħti lill-Kummissjoni rwol fil-koordinazzjoni u fl-infurzar tal-applikazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri fil-livell tal-UE.

Jeżistu metodi analitiċi uffiċjali biex tiġi aċċertata l-awtentità tal-għasel iżda dawn għadhom lura u mhumiex sensitivi biżżejjed biex jidentifikaw livelli baxxi u intermedji ta' adulterazzjonijiet taz-zokkor. Għalhekk, il-frodaturi qegħdin jadattaw il-livell ta' adulterazzjoni b'zokkor estranju fl-għasel biex jisfruttaw id-dgħufija tal-kapaċitajiet analitiċi attwali. L-istess limitazzjonijiet analitiċi japplikaw għall-kontrolli fil-fruntieri. Il-metodi użati mill-JRC fil-qafas tal-azzjoni koordinata tal-UE wrew li huma utli biex jidentifikaw suspetti ta' frodi iżda għad iridu jiġu armonizzati u standardizzati. Programm bħal dan jeħtieġ finanzjament xieraq u xi żmien biex jiġi implimentat b'mod effettiv fil-laboratorji tal-kontroll uffiċjali. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jżidu l-kontrolli tas-suq nazzjonali u tal-fruntieri iżda din is-sejħa ma setgħetx tiġi massimizzata mingħajr ma jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-Kummissjoni kif se timpenja ruħha mal-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi?

Fir-rigward tal-importazzjonijiet, il-Kummissjoni diġà żiedet rekwiżit ta' awtentità fiċ-ċertifikat li jakkumpanja l-għasel importat (ara: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/36 tal-11 ta' Jannar 2022 li jemenda l-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward tal-mudell taċ-ċertifikati għad-dħul fl-Unjoni ta'

kunsinni ta' ċerti annimali akkwatiċi ħajjin u prodotti li ġejjin mill-annimali (ĠU L 8, 13.1.2022, p. 36)).

Il-Kummissjoni se tipprova wkoll it-tisħiħ tal-kontrolli fuq l-importazzjonijiet iżda f'dan il-punt, għall-kuntrarju ta' ħafna prodotti oħra li joriġinaw mill-annimali, il-possibbiltà li l-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli fuq il-frodaturi identifikati li joperaw f'pajjiżi terzi hija mxekkla min-nuqqas ta' obbligu għall-ejenkar tal-istabbilimenti awtorizzati biex jespportaw l-għasel lejn l-UE. Dan l-ejenkar jippermetti l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1873 tas-7 ta' Novembru 2019 dwar il-proċeduri fil-postijiet ta' kontroll fil-fruntiera għat-twettiq koordinat tal-kontrolli uffiċjali intensifikati mill-awtoritajiet kompetenti fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji tal-annimali u prodotti komposti (ĠU L 289, 8.11.2019, p. 50).

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tipprova tinvolvi ruħha mal-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi esportaturi. Il-pajjiżi kollha kkonċernati se jiġu nnotifikati bir-riżultati tal-azzjoni koordinata tal-UE u se jintalbu jwettqu investigazzjonijiet u jissanzjonaw b'mod xieraq il-frodi kkonfermati.